# KŻEKOSLOVAKJA

Tfajjel, ftit kwiet, mixħut fuq tavolina
Kellu f'idejh ftit injamiet ċkejknin,
U b'sabar kbir u b'għaqal ta' xadina
Kien qed igħaqqad kollox ma' xulxin.

U billi l-bċejjeċ illi kellu t-tfajjel
Kienu minn id ta' mgħallem impittrin,
Xħin għaqqad kollox inti kont tistħajjel
Tara pajjiż sabiħ, qalb djar henjin.

Iżda ftit dam b'dil-logħba hekk sabiħa,
Għaliex missieru laħaq dak il-ħin,
U xejjer daqqa fuq il-logħba sħiħa
Fil-waqt li qaleb fl-art it-tavolin

U l-pajjiż sbejjaħ, mimli djar xemxin
Raġa' sar bċejjeċ tal-injam ċkejknin.

ĠORĠ PISANI

Għawdex